# QIMA BL-ARTI LEJN IL-MARTIRJU TA' SAN PAWL FIL-KOLLEĠĠJATA TA' SAN PAWL FIR-RABAT.

*Kan. Ġwann Azzopardi*

Fl-okkażjoni tat-tifkira tal-25 anniversarju tal-Festi Ċentenarji tal-Martirju ta' San Pawl li saru fir-Rabat u l-Imdina fl-1967 kif ukoll tat-tifkira tal-225 sena tal-Fratellanza preżenti ta' San Pawl fil-Kolleġġjata tagħna, jixraq nitkellmu fuq il-qima lejn il-Martirju ta' San Pawl madwar il-Knisja tagħna. Biex ma ntawlux u ma nirrepetux dak li diġa ntqal u nkiteb, nillimitaw ruħna għal aspett wieħed - il-qasam ta' l-arti.

Il-Knisja meta tagħmel festa lill-qaddisin, tfakkar ġeneralment il-mewt tagħhom,li huwa t-twelid tagħhom għas-sema.Iżda fil-każ ta' Kristu,l-Madonna u xi qaddisin oħra,l-Knisja tiċċelebra wkoll ġrajjiet oħra ta' ħajjithom.Fil-każ ta' San Pawl Missierna l-Knisja tfakkar il-Konverżjoni tiegħu (fil-25 ta' Jannar), il-Martirju tiegħu flimkien ma' San Pietru (l-Imnarja, 29 ta' Ġunju) u f'pajjizna n-Nawfraġju tiegħu fuq ix-xtut tagħna (fl-10 ta' Frar). L-eqdem waħda minn dawn f'pajjina hi l-Martirju tiegħu flimkien ma' San Pietru:l-Imnarja,li għandha għeruq l-aktar qodma fil-kultura Maltija[1].Is-sede prinċipali ta' din il-festa kienet il-Katidral ta' l-Imdina,mnejn kull sena toħroH bikri fil-għodu purċissjoni mmexxija mill-Arċisqof.Sal-1617 din il-purċissjoni kienet tagħmel waqfa bir-relikwa fil-Grotta ta' San Pawl ; wara dik is-sena,li fiha l-Grotta għaddiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kavallieri ta' San Gwann,l-istazzjon tal-waqfa bir-relikwa beda jsir fil-Knisja Parrokkjali,illum Kolleġġjata,ta' San Pawl. Hekk għadu jsir sallum.

Gĥalkemm il-kwadri titulari ta' l-Imdina u tar-Rabat ma jurux il-Martirju ta' San Pawl iżda episodji oħra (il-Konverżjoni - opra ta' Mattia Preti - fl-Imdina, u n-Nawfraġju - opra ta' Stefano Erardi - fir-Rabat), il-kwadru titulari l-qadim fiż-żewġ knejjes kien polittiku fuq l-injam dominat minn figura ċentrali ta' San Pawl iżomm ix-xabla bħala simbolu tal-martirju tiegħu, u madwaru diversi episodji ta' ħajtu, fosthom dawk ta' Malta kif ukoll il-Martirju tiegħu.B'xorti tajba dawn iż-żewġ kwadri mponenti għadhom it-tnejn konservati, wieħed fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina u l-ieħor fil-kor tal-Kolleġġjata ta' San Pawl taħt il-kwadri prinċipali. Dan igħinna nifhmu għaliex fiż-żewġ knejjes niċċelebraw il-martirju.

Għidna li l-figura ċentrali f'dawn iż-żewġ polittiċi turi 'l San Pawl bis-sejf, simbolu tal-martirju tiegħu. Hekk ukoll jirrappreżentawh l-istatwi titolari. Fil-Katidral ta' l-Imdina, l-istess bħal fil-biċċa l-kbira tal-Katidrali ta' pajjiżi oħra ma jidhirx li kien hemm statwa titolari, iżda meta fir-Rabat twaqqfet il-fratellanza attwali ta' San Pawl, l-ewwel opra li għamlet kienet li kkumissjonat lill-iskultur Malti Giovanni Caruana statwa titolari maħduma fl-injam li turi lil San Pawl bis-simbolu tal-martirju tiegħu, is-sejf.L-iskop tal-vara kien li tibda toħroġ ukoll purċissjoni u titkabbar il-festa esterna ta' San Pawl li fil-fatt kienet issir b'ċerta solennita' minn mijiet ta' snin qabel. Nafu fiż-żgur, biex nagħtu xi eżempji li diġa fl-1678 kienu jsiru devozzjonijiet esterni u logħob tan-nar[2].

L-iskultur Giovanni Caruana tana statwa sabiħa,. ispirata minn dik ta' Melkjorre Gafa',magħmula għall-familja Testaferrata tal-Belt u aktar tard mogħtija lill-Kolleġġjata ta' San Pawl il-belt, statwa li turi lil San Pawl b'idu 'l fuq u bis-sejf f'għant ma qaddu. Din l-istatwa saret ix-xbiha klassika ta' San Pawl f'pajjiżna tant li ġiet ikkuppjata f'bosta knejjes, fit-toroq u fin-niċeċ ta' Malta u Għawdex.

Ma jirriżultax jekk il-fratellanza ta' qabel - dik imsemmija fit-testment ta' Manfridus la Habica kellhiex wkoll statwa iżda huwa żgur li kienet teżisti statwa ta' San Pawl fil-Grotta[3]. Dik l-istess statwa mhix l-istess waħda li hemm illum, jiġifieri dik mogħtija mill-Granmastru Pinto fl-1743 u li ma ġġib ebda sinjal tal-martirju tiegħu, bħalma l-anqas iġġib sinjal tal-martirju l-istatwa l-oħra ta' l-alabastru, maħduma minn Melkjorre Gafa' u Ercole Ferrata, li hemm fuq l-altar ta' San Pawl fil-Grotta.

Jingħad - u din il-fehma tagħmel sens - li l-istatwa li darba kien hemm fil-Grotta hi dik li hemm illum fil-faċċata tal-Knisja propju fuq il-bieb

tal-Knisja ta' San Publiju li tagħti għall-Grotta. Din l-istatwa hi tal-irħam u mhix bħal dik ta' pariġġha li turi lil San Pietru u li hi tal-ġebel. Donnu wieħed jaħseb li biex f'dak l-għoli kollu fejn ma tantx tista' titgawda tpoġġiet statwa tar-rħam ifisser li l-istatwa msemmija kienet konservata minn xi post ieħor. Din l-istatwa nteressanti għandha mhux biss is-sejf tal-martirju iżda wkoll ikonografija wisq kurjuża u qadima.

Fit-taraġ li semmejna, li mill-knisja kien jagħti għall-Grotta, wieħed għad jista jara skultura oħra sabiħa li turi 'l San Pawl flimkien ma' San Luqa (it-tnejn mezzi figuri), iż-żewġ persunaġġi li t-tempesta kaxkrithom fi gżiritna. San Pawl qed



*San Pawl u San Luqa fi skultura sabiħa li tinsab fit-taraġ li mill-parroċċa ta' San Pawl kien jagħti għall-Grotta.*

iġorr ktieb f'idu x-xellugija, waqt li fil-leminija qed iżomm sejf għal fuq spalltu.

Ta' min isemmi hawn - biex nikkonkludu fuq il-figuri ta' San Pawl bis-sejf tal-martirju - li fl-imgħoddi fil-Grotta kien hemm affresk sabiħ li juri lil San Pawl bis-sejf tal-martirju u b'xemgħa mpinġija tixgħel quddiemu u taħtha l-kelmiet:" Dan hu tassew post qaddis", l-istess kliem li l-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietro Dusina kiteb fuq il-Grotta fl-atti uffiċjali tal-viżta tiegħu meta żar il-Grotta fl-1575. Dettalji u inċiżjoni ta' din ix-xbiha nafuhom mid-deskrizzjoni tal-vjaġġ fi gżiritna ppublikat minn Michael Heberer fl-1610, għaxar snin wara li kien żar il-Grotta 4.

Ngħaddu issa għall-interpretazzjonijiet ietartistiaktar eżawrijenti tal-Martirju, jiġifieri dawk li nsibu f'pittura, skultura u disinn.

## Il-Polittiku ta' San Pawl

L-eqdem kwadru hu pannell (fuq l-injam) fil-polittiku tal-kor tal-knisja ta' San Pawl. Dan il-polittiku illum fih ħames pannelli iżda fl-imgħoddi kien fih aktar. Meta tneħħa minn postu bħala kwadru prinċipali tal-Knisja l-qadima, biex inbniet, bi spejje tal-fondatriċi Gużmana Navarra, il-Knisja tallum bit-titular ġdid tagħha li juri n-Nawfraġju ta' San Pawl, jidher li l-polittiku l-antik, biex ikun jista' joqgħod taħt il-kwadru enormi l-ġdid, qatgħulu biċċiet minnu, bħalma huma l-pannelli tal-Madonna,San Pietru u San Pawl, li jissemmew bħala parti minnu fir-records tal-Viżti Pastorali.[5] Ħallewlu biss ix-xeni tal-Konverżjoni li qegħdin niddeskrivu.

L-istil ta' dan il-kwadru hu dak manjerista, li qabel mad-data li hemm imnila fuqu, 1588. Ix-xena tal-Martirju hi mpittra fuq sfond tal-kampanja, b'diversi għoljiet. Fin-nofs lemini tal-kwadru jiddominaw l-għoljiet kif ukoll is-suldat bojja li qed igħolli x-xabla 'l fuq waqt li fuq il-lemin tiegħu hemm iċ-ċenturjun u figura femminili li skond it-tradizzjoni kienet Lucina. Il-parti tax-xellug



*Kwadru mill-Polittiku ta' San Pawl li juri il-Martirju Tiegħu.*

tal-kwadru turi żewġ xeni; fil-parti ta' fuq hemm l-imperatur Neruni jaqta' s-sentenza mit-tron u mdawwar bi tminn persunaġġi waqt' li fil-parti t'isfel hemm San Pawl għarkubbtejh jitolb u jħejji ruħu għall-martirju u fir-rokna t'isfel hemm rasu maqtugħa fl-art. Hekk fl-istess kwadru ras l-Appostlu hi mpinġija darbtejn - karatteristika wisq komuni fl-arti manjerista, li se narawha wkoll fi kwadru ieħor li se niddeskrivi.

Dnub li ma nafux min pitter dan il-kwadru, iżda għallinqas nafu l-benefattur, l-Arċipriet Leonardu de Agatiis, li tiegħu għandna ritratt fis-sagristija tal-Knisja. Kull ma nistgħu ngħidu hu li hu xogħol ta' artist aktarx provinċjali, Malti jew Sqalli, u li f'xi kwadri tal-ġnub tinhass l-influwenza ta' Filippu Paladini.

## Kwadru laterali tal-kor: Elio Coccoli

Opra sabiħa li tiddeskrivi b'ħafna dettalji l-Martirju ta' San Pawl hu l-kwadru laterali tal-kor fuq il-lemin int u tħares lejn il-kwadru titulari, li jakkompanja lill-kwadru ta' quddiemu li juri l-Konverżjoni ta' San Pawl.

Il-pittur hu Elio Coccoli (1880 - 1974) minn Brescia, artist li ħafna Rabtin għadhom jiftakruh jaħdem fostna.L-istess pittur pinġa l-Koppla u s-saqaf tal-kor, kappelluni u korsija.

Il-pittur tal-knisja tagħna saret fi żminijiet reċenti u l-ewwel ma tpittru kienu l-lunetti tal-koppla minn Ġiuseppe Cali' fl-1885. Iżda sfortunatament wara l-1902 xi Rabtin ħolmu li l-koppla l-qadima ta' Lorezo Gafa' riedu jżidulha lanterna, li ma kelliex u biex ma tintilifx il-pittura ta' Cali' bnew skutella ġdida fuq dik eżistenti. Il-piż esaġerat u terrimot ħafif waqqgħu liż-żewġ koppli u parti mill-Knisja fl-1924 u x-xogħol tal-pittura kellu jittardja. Iżda wara l-bini mill-ġdid tal-koppla l-ġdida, ma damx ma ħareġ konkors għall-artisti Maltin biex ipittru l-Knisja u applikaw u ħejjew buzzetti diversi pitturi Maltin, fosthom Ġanni Vella u Lazzaro Pisani li l-buzzetti tagħhom tal-Martirju ta' San Pawl għall-kor għadhom sallum jeżistu f'kollezzjonijiet privati.

Il-Kappillan Antonio Buhagiar kien determinat li jlesti parti mill-pittura qabel il-Kungress Ewkaristiku tal-1933 u mill-ewwel wera' preferenza għal pittur barrani. L-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Mawru Caruana O.S.B. u daqsu u aktar minnu, l-kappillan tiegħu Dun Karm Farrugia kellhom preferenza għall-iskola ta' l-arti Beato Angelico ta' Milan, u dawn għalu għall-parroċċa tagħna lill-Pittur Elio Coccoli. Dan kellu problema biex joħloq bilanċ bejn l-istil spiritwali u axxetiku ta' dik l-iskola mal-gosti, pjuttost barokki, tagħna l-Maltin b'mod li jissodisfa lir-Rabtin li tawh din l-opra. Wieħed jista' jgħid li f'dawn il-kwadri tal-kor kif ukoll fl-appostolat li jdur mat-twieqi tal-knisja, il-pittur Coccoli, kiseb bilanċ sodisfaċenti.

Meta ġie biex jiddeskrivi l-Martirju, Coccoli mexa' fedelment mat-tradizzjoni li tirrakonta ħafna dettalji fuq din il-ġrajja krudila u l-kwadru jiġbed l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Ix-xena toħodna fil-kampanja ta' Ruma, ma' ġenb balluta xiħa f'wied imwarrab, f'żona mdawra b'għoljiet li jaġġtu għall-baħar fejn hemm nixxiegħat ta' ilma - ir-Rumani kienu isejħulu AD ACQUAS SALVIAS. Biex idaħħalna fl-ispirtu tetru ta' dik il-ġrajja, Coccoli jpinġi sema msaħħab iżda jħalli parti għira mdawla; minna nieżel raġġ li jdawwal u jqawwi l-qalb ta' Missierna San Pawl fi triqtu lejn il-Martirju u t-trijonf tiegħu.



*Buzzett ta' Lazzaro Pisani li juri il-Martirju ta' San Pawl u li kien maħsub li jsir għall-Parroċċa tar-Rabat.*

San Pawl għandu jdejh marbutin wara; hemm ukoll indikazzjoni li kien diġa' gie msawwat għax sieħeb il-manigold għandu nerv f'idu. Waqt' li manigold se jxejjer ix-xabla, San Pawl għandu rasu poġġuta fuq biċċa kolonna, mgħottija b'mant. It-tradizzjoni tgħid li dak kienet tatulu Plautilla. Fit-tarf tax-xellug jiddomina ċ-ċenturjun b'ton ta' kmand waqt' li l-figura taż-żiemel, bla raġuni, li qed jirgħa tagħti ċertu solliev lil din il-ġrajja kiefra. Fin-naħa tax-xellug tal-kwadru il-pittur ipinġi dak il-grupp ta' nisa twajba, mmexxijin minn Lucina, li skond it-tradizzjoni kienu qed jassistu b'fidi u bit-talb dik il-ġrajja doloruża u lesti biex wara jiġbru l-ġisem qaddis ta' San Pawl u joħduh fid-dar ta' Lucina.

Dan il-kwadru kien tqiegħed f'postu fl-ewwel xhur tas-sena 1935. Wara l-kor tpittret il-korsija u kellhom jitpittru wkoll il-kappelluni iżda l-ġrajja kiefra tal-gwerra sfrattat it-tkomplija tax-xogħol. Kellhom igħaddu bosta snin, biex dawn jitpittru mill-istess Coccoli fi xjuħitu fi żmien il-kappillan (illum Monsinjur) Lorenzo Spiteri , li għadu mimli bil-għomor u igħix fil-parroċċa tagħna[6].

## Kwadru u disinn ta' Ġanni Vella (1885 - 1977)

Semmejna l-konkors għall-pittura u l-parteċipazzjoni ta' Ġanni Vella. Fi żmien, l-artisti Maltin kienu jbatu mhux ħażin biex jiksbu x-xogħlijiet, għax il-patruni prinċipali kienu biss il-Knejjes u meta kellhom kompetizzjoni mhux ħażin minn pitturi barranin, il-Maltin kienu jagħmlu ħilithom biex iħajjru l-kappillani jagħtuhom ix-xogħol. Il-pittur Ġanni Vella offra lill-Kappillan tar-Rabat kwadru sabih tal-martirju ta' San Pawl, fi gwarniċ ta' l-injam disinjat mill-pittur stess, biex itellgħu lotterija ħalli jiġbor fondi għall-knisja. Il-kwadru kien irnexxa ferm, u b'xi xorti tajba kellna nibqgħu ingawduh għax min rebħu reġa' ċedieh lill-knisja. Għadna niftakru lill-pittur, fi xjuħitu, meta jkun ir-Rabat, jidħol fi-sagristija jitpaxxa bil-ġmiel ta' kwadru li kien ħareġ minn idejh f'mument feliċi. Illum dan il-kwadru jinsab fil-Mużew.

Il-kwadru juri lil San Pawl, mezza figura, b'rasu fuq kolonna jħares 'l fuq lejn is-sema b'ħarsa li tispira fidi qawwija f'Alla. Fit-tarf tal-lemin, miżmuma min id, tispikka l-mannara, simbolu tal-Martirju tiegħu.

Il-kwadru hu mpitter fuq it-tila (72cm x 101cm) u jġib ukoll il-firma tal-pittur.

Taħt dan il-kwadru fil-Mużew tal-Parroċċa hemm żewġ disinji, li kienu maħsuba għall-konkors bħala l-ewwel ideja ta' kwadri laterali għal kor u wieħed minnhom juri l-martirju ta' l-Appostlu.

Fid-deskrizzjoni tal-kwadru tal-Mużew fil-ktieb li ħriġna fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa, A. Espinosa Rodriguez jikkommenta fuq dawn iż-żewġ disinji u igħid li hawn Ġanni Vella bħal issupera lilu nnifsu biex jagħtina xogħol mimli enerġija u freskezza[7].

Waqt' li l-figura ta' S. Pawl tfakkarna fil-kwadru ta' fuqu, f'dan id-disinn jidher il-manigold li qed jerfa' x-xabla fuq ras l-appostlu.

Iż-żewġ disinji li qed insemmu, mpinġija b'karbonċina fuq il-karta (27cm x 65cm) huma wkoll iffirmati mill-artist.

## Il-Kavallieri ta' San Ġwann u l-qima lejn il-Martirju ta' San Pawl

Il-Kavallieri ta' San Ġwann, u b'mod speċjali l-Granmastru Alof de Wignacourt fil-bidu tas-seklu 17, għamlu minn kollox biex jieħdu f'idejhom il-Grotta ta' San Pawl li mbagħad sebbħuha u kabbruha u fuqha kabbru wkoll il-knisja ta' San Publiju. L-interess ewlieni tagħhom barra San Publiju kien in-Nawfraġju ta' San Pawl, li kienu jiċċelebrawh fil-Grotta iżda ma naqsux li jqimu wkoll il-Martirju tiegħu.

Fis-sena 1680 il-Granmastru Garaffa, fil-jum stess tal-ħatra tiegħu bħala Granmastru, ċeda l-ġnien li l-Ordni kellu wara l-knisja ta' San Publiju, lill-Gużmana Navarra biex din tkun tista tkompli l-bini tal-knisja bil-kappellun ta' San Stiefnu, iżda l-periti ta' l-Ordni ordnwalha li max-xogħol tibni mill-ġdid is-sagristija tal-Kulleġġ, li kienet annessa mal-ġnien. Hekk inbniet is-sagristija spazjua u arkitettonikament sabiħa li hemm illum.

Għad-dekorazzjoni tagħha, fuq il-kaxxerizzi, l-Ordni akkwista mid-dar tal-Prijorat fil-Belt Valletta, li kienet qisha s-Seminarju ta'



*Il-Martirju ta' San Pawl fis-sett ta' tnax il-kwadru li juru il-Martirju tat-tnax l-Appostlu.*

Tkellimna mill-ġmiel arkitettoniku ta' din is-sagristija. Fuq kull naħa, fuq il-kaxxerizzi u fiċ-ċentru ta' dawn il-kwadri, hemm bħal daħliet jew niċeċ żgħar fil-ġebel, li fihom hemm żewġ kwadri mdaqqsin jagħtu fit-tond, li juru l-Martirju ta' San Pawl u l-estasi tiegħu (meta ttieħed fit-tielet sema).

Mill-inventarju tas-sena 1756 miżmum fl-arkivju tal-Grotta jirriżulta li dawn kienu ġew mogħtija mill-Bali Remchi. Għalkemm jidhru kwadri kompanji, fil-fatt jidher li m'humiex ta' l-istess pittur, u dak tal-Martirju ta' San Pawl huwa wisq superjuri għall-ieħor.[8]

Bħal dak li għadna kemm iddeskrivejna, l-isfond ta' dan il-kwadru hu sfond ta' bini klassiku; fuq il-palazz, fiċ-ċentru, hemm tperper bandiera ħamra. Hemm ukoll barra San Pawl mhux anqas minn 9 personaġġi oħra. San Pawl mixħut fl-art, b'rasu maqtugħa, jinsab bejn iċ-ċenturjun li qed jagħti l-ordni u l-manigold. Ir-ras maqtugħa ta' San

l-Ordni, sett ta' tnax il-kwadru li juru l-martirju tat-tnax l-appostlu. Dawn għadhom konservati sallum fuq il-kaxxerizzi, fi gwarniċi li jidher li mhumiex oriġinali iżda saru wara.

Dan is-sett ta' kwadri għandu valur pittoriku u nteress ikonografiku konsiderevoli u ħasra li s'issa ftit li xejn ġew apprezzati. Barra minn hekk jinsabu fi stat ħain ta' konservazzjoni. Ilkoll għandhom forma orizzontali.

Bħal polittiku tal-kor li ddeskrivejna aktar 'l fuq, dawn il-kwadri huma fl-istil tal-arti manjerista. F'kull wieħed minnhom l-appostlu hu deskritt darbtejn, darba fil-ħidma attiva tal-appostolat tiegħu, u darb'oħra fix-xena tal-martirju tiegħu.

Il-kwadru tal-Martirju ta' San Pawl m'għandux l-isfond tal-kampanja ta' Ruma bħal dak tal-polittiku u dak ta' Coccoli, iżda sfond ta' arkitettura b'kostruzzjonijiet klassiċi. Fuq ix-xellug jiddomina San Pawl, b'sejf f'idu għoli daqs il-persuna tiegħu u bi ktieb f'idejh fix-xellugija. Hemm numru kbir ta' personaġġi fil-kwadru : l-aktar li jispikka, kemm fid-daqs kif ukoll fil-personalita' huwa San Pawl. Il-manigold fil-qagħda li se jxejjer ix-xabla għandu wkoll ċerta prominenza. Fit-tarf tal-lemin San Pawl għarkubbtejh qed iħejji ruħu għall-martirju.



*Kwadru sabiħ li juri il-Qtugħ ir-Ras ta' San Pawl li jinsab fil-Mużew tal-Kolleġġjata.*

Pawl qegħda isfel nett, ftit l-isfel minn riġlejn il-manigold.

Il-kwadru għandu kuluri ħajjin u wieħed jittama li, għalkemm illum deperit, dan il-kwadru b'restawr adegwat jerġa' jakkwista ħafna mill-importanza oriġinali tiegħu.

## Medaljun ta' Alessandro Algardi

L-isbaħ u l-aqwa opra li turi l-Martirju ta' San Pawl hu l-medaljun tal-bronż indurat (dijametru 48cm) li kien jinsab fiċ-ċentru tal-artal ta' San Pawl fil-Grotta u llum jinsab fil-Mużew. Floku llum hemm replika tiegħu tal-fibre.

Tiddomina f'nofs dan il-medaljun il-figura ta' San Pawl, b'rasu maqtugħa wara l-Martirju tiegħu, assistit minn madwar tmin persuni twajba li qed iqimu l-ġisem mejjet tiegħu. Jispikka fuq ix-xellug il-manigold waqt' li jidhru wkoll iċ-ċentrujun u xi suldati rekbin fuq iż-żewġ żwiemel.

Dan il-medaljun inġieb Malta minn Napli fl-1682/1 meta kienu qed isiru bosta xogħlijiet u kien qed jiġi msebbaħ ukoll l-artal ta' San Pawl fil-Grotta.

Fil-kontijiet tas-sena 1681/2 hemm l-ispiża ta' skud u 8 tari' għat-trasport ta' dan il-medaljun. X'imkien ieħor hemm riferenza li l-medaljun inġab minn Napli. Il-prezz ta' dan il-medaljun huwa mdaħħal ma' dak tal-gradi tal-ħadid li jifirdu l-kripta mill-għar ta' San Pawl.

L-awtur ta' dan il-medaljun hu l-famuż Alessandro Algardi li għamel medaljun simili f'Bologna. Il-medaljun ta' Bologna tant hu sabiħ u tant ġie apprezzat li jinsabu reġistrati ta' l-inqas numru sabiħ ta' kopji tiegħu jew eżemplari oħra mill-istess forma. Dawn kollha jinsabu deskritti fl-istudju li ppublikat fis-sena 1985 l-istudjuża ta' l-iskultura Dr. Jennifer Montagu[9]. Jinsabu f'Munich, Londra, Ruma, Malta u f'kollezzjonijiet privati. Fis-sala Zarb tal-Mużew tal-Kolleġġjata hemm ritratti ta' bosta minnhom.

Fil-kumment tagħha fuq dan il-medaljun tar-Rabat Dr. Montagu tgħid li dan l-eżemplar hu ta' kwalita' għolja għalkemm inqas irfinut minn dak ta' Bologna. Tinnota differenzi minnu fis-sens li suldati libsin elmi bir-rixa u hemm anqas lanez milli hemm fil-forma oriġinali.

B'dan il-kumment fuq il-medaljun ta' Algardi nagħlqu l-konsiderazzjoni tagħna tal-interpretazzjonijiet artistiċi tal-Martirju ta' San Pawl fil-Kolleġġjata tagħna, f'din is-sena li fiha qed infakkru ftit aktar mis-soltu din il-ġrajja mbierka li nkurunat il-missjoni ta' l-Appostlu Missierna fid-dinja u wasslitu għat-trijonf tiegħu fis-sema fejn qed jinterċedi għalina.



*Il-Medaljun li juri l-Martirju ta' San Pawl, xogħol fil-bronż indurat ta' Alessandro Algardi.*

## NOTI U RIFERENZI


1. Dwar l-Imnarja fil-Kultura Maltija ara Ġ.Cassar Pulligino,

2. Mużew tal-Katidral, Mdina, CEM, C 130 ff. 563-7

3. Atti tan-Nutar Paulo Bonello, Arkivju Nutarili Valletta, Testment ta' Manfridus la Habica, 13 ta' Novembru 1508. MS 588 Foll.51-54

4. G. Zammit Maempel, Rock from St.Paul's Grotto in Medicine and Folklore, in Ġ.Azzopardi (St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta page 199).

5. Arkivju tal-Katidral, vista Pastorali Mons.Gargallo, 6 ta' Jannar 1604.

6. Ġ.Azzopardi Elio Coccoli, Oeuvre in St.Paul's Collegiate Church Rabat in St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta page 155 - 156.

7. A.Espinosa Rodriguez, Catalogue of the Picture Collection in St.Paul's Grotto, Church and Museum Rabat, Malta page 390.

8. Arkivju tal-Grotta ta' San Pawl, Inventari e Consegne 1756, f.15.

9. Jennifer Montagu, Alessandro Algardo, vol 2 (1985) page 174.